MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 47/2002

**Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**
**Vs**

**CHRISTOPHER GAUCI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **CHRISTOPHER GAUCI**, ta' sitta w ghoxrin sena, bin Joshua u Georgina nee Xerri, imwieled San Giljan nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru 1975 u residenti 'St. Claude', Triq G.F. Agius De Soldanis, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita` numru 19776M, gie

mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Marzu 1998 u fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2000, bhala wiehed mid-Diretturi tal-fond maghruf bhala 'Price Club Supermarket' sitwat fi Triq il-Wardija, Burmarrad, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz tal-elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex jkollu l-uzu jew l-konsum elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew jbiddel il-kejl jew markat fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq ta' kurrent elettriku li l-valur tieghu huwa ta' ghaxart elef sitt mija wiehed u sebghin lira wiehed u sittin centezmu u sitt millezmi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2001 esibit fl-att a fol 8 et seq.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Lulju 2002 esibiti fl-atti a fol 76.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha ta' Awissu 2002 li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghi jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Gunju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega illi l-imputat bhala wiehed mid-Diretturi tal-fond Price Club Supermarket b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, kisser il-gumni tas-servizz

elettriku tal-meter tad-dawl installat fil-fond fuq imsemmi u b'mezzi qarrieqa ghamel uzu ta' konsum elettriku billi kkommetta serq tal-istess kurrent u dan a valur ta' ghaxart elef sitt mija wiehed u sebghin lira wiehed u sittin centezmu u sitt millezmi [LM 10671.61.6] ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Magistrat Inkwerenti f'dan il-kaz kien innomina nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2000 lil certu Horace J. Anastasi bhala espert tekniku sabiex jindaga fuq il-kaz u jirrelata lura lil Qorti u fil-fatt nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2001, kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti, dan l-espert ikkonferma r-relazzjoni tieghu.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni mmarkata bhala dokument HJA fl-atti jirrizultaw s-segwenti:

1. Li l-imputat huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta Price Club Operators Limited li hija l-proprjetarja tal-istabbiliment Price Club Supermarket, Triq il-Wardija, Burmarrad;

2. Illi f'dan il-fond kien hemm zewg arloggi tad-dawl imbaghbsa fejn in-numri ta' fejn jaqra r-registru tal-konsum elettriku gew imressqa lura sabiex il-konsum ma jigix registrat kif suppost u kien hemm ukoll xi sigilli maqghluha.

3. Illi dawn il-meters kienu nstallati f'zewg postijiet differenti, wiehed minnhom tal-marka 'Iskra' mahdum fis-Slovenija tat-tip T 36 E2, li kien qed jirregistra konsum hdejn il-hanut tal-laham u l-iehor tal-marka 'GEC' mahdum fil-Gran Bretanja, kien fis-*sub station* tal-Enemalta li ukoll kien qed jaqra konsum.

4. Illi cwievet ghall-dan is-*sub station* kellu John Vella, Principal Technical Officer tal-Enemalta.

**Sivlio Decelis xehed nhar l-erbgha ta' April 2002 ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta** w ikkonferma li l-Korporazzjoni Enemalta kellha tiehu s-somma ghaxart elef sitt mija wiehed u sebghin lira wiehed u sittin

centezmu u sitt millezmi [LM10671.61.6] minghand is-socjeta Price Club Operators Limited rappresentanti *break down of estimates* ghal perjodu bejn t-tletin ta' Marzu 1998 u s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2000.

Illi Silvio Decelis esibixxa r-*record of consumption* rigward il-kont numru 1000026429 li jghajjat l-meter tal-marka GEC installat fis-*sub station* tal-Enemalta u dan kif jirrizulta kemm minn numru ndikat fid-dokument tar-*record of consumption* markat bhala dokument CSH 3, kif wkoll mir-*report of surprise inspection* li hu mmarkat bhala dokument CSH 4 li jaghmel referenza ghall-istess *meter cubicle in sub station*. It-testijiet li saru mill-Enemalta kienu wkoll fuq dan l-istess meter tas-*sub station* li kien Hugh Tension kif jirrizulta mid-dokument CSH 5 esibit fl-atti wkoll a fol 60. L-ispezzjoni esibita fol 61 tal-atti taghti deskrizzjoni dettaljata ta' dan l-istess meter li kellu sigilli blu u homor allegatamnent foloz ghaliex in-numru fuqhom kellhom tipa irqaq minn dik suplita mill-Enemalta.

**Mario Cassar rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta xehdu nhar l-erbgha ta' April 2002** fejn, kif jirrizulta a fol 54 et seq tal-atti, ikkonferma ix-xhieda li kien ta quddiem l-espert tekniku Horace J. Anastasi u b'mod partikolari kkonferma li c-cavetta tas-*sub station* tinstab biss f'idejn rappresentant tal-Enemalta u f'kaz ta' bzonn li jinfetah dan is-*sub station* dan ghandu jinfetah dejjem minn xi membru tal-Enemalta ghalkemm ic-cavetta tigri min bniedem ghal bniedem pero dejjem f'idejn rappresentanti tal-Enemalta.

**Xehed wkoll Alexander Curmi nhar s-sitta ta' Gunju 2002** fejn spjega kif jirrizulta a fol 69 et seq tal-atti li huwa bhala Assistant Operations Manager tal-fond fuq indikat, kien talab lil Korporazzjoni jnehhu dan il-meter li kien hemm fil-hanut tal-laham peress li fil-*unit* fejn kien jinstab kien jghaddi l-ilma u ghalhekk kien jezisti perikolu.

**John Vella li huwa Principal Technical Officer mal-Enemalta xehed nhar s-sitta ta' Gunju 2002** fejn kkonferma, kif jirrizulta a fol 71 et seq tal-atti, li fil-fond kien hemm zewg meters, wiehed fil-hanut accessibbli ghal

kulhadd u l-iehor fis-*sub station* accessibbli biss ghar-rappresentanti tal-Enemalta.

**L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u nhar s-sebgha ta' April 2003,** kif jirrizulta a fol 85 et seq tal-atti, spjiega li s-socjeta minnu rappresentata kienet hadet l-avvjament tal-istabbiliment fuq imsemmi minghand certu Francis Gauci w is-sistema tal-elettriku baqghet l-istess kif kienet qabel. Huwa kkonferma li access ghas-*sub station* kien hemm biss minn rappresentanti tal-Enemalta u in effetti is-sub station in kwistjoni huwa wkoll propjeta tal-Enemalta. Dwar il-meter tad-dawl l-iehor l-imputat spjiega li dan kien jinstab f'garaxx ma genb il-hanut li sussegwentement gie mniffed mal-istess hanut. Huwa kkonferma li qatt ma kien jaf li kien hemm tbaghbis fis-sistema tad-dawl.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija, li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat jkun

d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jippruva huwa li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi l-imputat fid-deposizzjoni tieghu kien konsistenti hafna u fil-fatt x-xhieda tieghu hija korroborata b'evidenza migbura mill-istess Prosekuzzjoni.

Illi di piu l-Prosekuzzjoni rnexxilha bil-provi taghha tipprova biss li fl-ghar ipotesi sar serq mill-meter fis-*sub station* proprjeta tal-Enemalta accessibbli ghalih biss mill-membri tal-Enemalta.  Ma ppruvatx, lanqas remotament li kien hemm xi serq fil-meter l-iehor li kien hemm fil-hanut accessibbli ghal imputat.  L-imputat zgur ma jistax jinstab hati talli seraq konsum t'elettriku minn meter li ma kellux access ghalih.  Illi ma jirrizultax li kien hemm xi sgass fis-*sub station* jew li kien hemm xi rapport ta' xi impjegat tal-Enemalta dwar x'irregolarita fil-post meta hadu xi *meter readings* fil-passat.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-versjoni tal-imputat u m'ghandha l-ebda dubbju li huwa ma kellux x'jaqsam mal-istat ta' kif kien nstabu l-meters mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2000 u ghalhekk b'dak li qal l-istess imputat kemm fix-xhieda quddiem l-espert tekniku kif wkoll viva voce l-Qorti, rnexxilu jgheleb l-presunzjoni kontra tieghu fuq riferita bhala 'registered consumer' u ghalhekk qeghdha taccetta dak li huwa qal.

**Illi ghalhekk minhabba dawn r-ragunijiet, il-Qorti tara li l-imputazzjoni kif dedotta mill-Prosekuzzjoni ma gietx sufficjentement ippruvata kontra l-imputat CHRISTOPHER GAUCI skond l-ligi, u ghalhekk tiddikjara li ma ssibux hati taghha u kwindi qed tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------